

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 944/2009

tat-8 ta' Ottubru 2009

**li jiffissa l-prezz massimu tax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għall-3 stedina individwali għall-offerti fi  
ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 733/2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 733/2009 (²) fetħah ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti għall-perijodu li jiskadi fit-30 ta' Novembru 2009, skont il-kundizzjonijiet ippordut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 li jistipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 li jirrigwarda l-intervent fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat (³).
- (2) Skont l-offerti li saru b'risposta għal stedinet individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri jew inkella jiġi deċiż li ma tintlaqa' l-ebda waħda mill-

offerti, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 214/2001.

- (3) Fid-dawl tal-offerti li saru b'risposta għall-3 stedina individwali għall-offerti, jeħtieġ li jiġi ffissat prezz massimu tax-xiri.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 733/2009 li għaliha ż-żmien għat-tressi tal-offerti skada fis-6 ta' Ottubru 2009, il-prezz massimu tax-xiri għandu jkun ta' EUR 167,90/100 kg.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Għall-3 stedina individwali għall-offerti għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 733/2009 li għaliha ż-żmien għat-tressi tal-offerti skada fis-6 ta' Ottubru 2009, il-prezz massimu tax-xiri għandu jkun ta' EUR 167,90/100 kg.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbi fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*  
 Jean-Luc DEMARTY  
*Direttur ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(²) ĠU L 208, 12.8.2009, p. 5.

(³) ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100.